# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRATE DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Seduta tal-lum, il-Ħamis, 14 ta' Lulju 2022**

**Każ numru: 29/2018 BS**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

**-vs-**

**Huan-Carlos Farrugia**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat **Huan-Carlos Farrugia** ta' tnejn u għoxrin (22) sena, iben Joseph u Romina xebba Grima, imwieled il-Pietà, nhar id-29 ta' Lulju 1996, residenti L'Esclusif, Triq l-Imġarr, Għajnsielem, Għawdex u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 324096M li permezz tagħha ġie akkużat li:

Fid-9 ta' Ottubru 2018, għal ħabta ta' nofsinhar u kwart (12:15hrs) ġewwa The Duke Shopping Mall, fi Triq ir-Repubblika, Rabat, Għawdex:

1. Ikkommetta serq aggravat ta' telefon ċellulari, u ċjoè Iphone 6 bl-IMEI number 359264060663340, għad-dannu ta' Bennet Gunther,

detentur tal-karta tal-identità Ġermaniza bin-numru LOHY7ZMNH, liema serq huwa aggravat bil-valur, **u dan bi ksur tal-artikoli 267 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta**.

U aktar talli fid-9 ta' Ottubru 2018, għal ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (17:30hrs) ġewwa l-Lockup tal-Pulizija fi Triq il-Kappuċċini, Rabat, Għawdex:

2. Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta **(ecstasy)** mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati, **liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu**.

3. Kellu fil-pussess tiegħu r-raza meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża **bi ksur tal-Art. 8 (a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.**

Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti **skont l-artikolu 553 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**.

Għaldaqstant filwaqt li nesebixxi l-ordni tal-Avukat Ġenerali, l-att tat-twelid u l-fedina penali tal-istess, nitlob li dan il-każ jiġi investigat skont il-Liġi.

Rat illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet intavolata fir-Reġistru ta' din il-Qorti mill-Prosekuzzjoni fil-11 ta' Ottubru 2018;

Rat il-fedina penali ta' l-akkuzat[1].

Fliet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti;

---

[1] A fol 10 tal-process

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), kif ukoll l-Ordni tal- Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat l-istqarrija ta' l-akkuzat.

Rat li fis-seduta tat-13 ta' Frar, 2019[2] id-difiża ezentat lill-Prosekuzzjoni mill-prova dwar iż-żewġ pakketti li kienu qed jiġu ammessi li kienu *cannabis*. Dak inhar ġie nominat l-Ispiżjar Godwin Sammut sabiex janalizza l-pilloli blu li nstabu fil-pussess ta' l-akkużat.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-akkużat li qed jirrinunzja milli jeżerċita id-drittijiet tiegħu[3].

Rat ir-rapport ta' l-Analiżi li saret mill-espert nominat mill-Qorti l-Ispiżjar Godwin Sammut[4].

Rat li fis-seduta tad-29 ta' Jannar, 2020 id-difiża iddikjarat li l-imputat lest jammetti l-ewwel akkuża għajr għal valur tas-serqa billi mill-provi jirriżulta valur anqas minn dak li qed jiġi akkużat bih[5].

Rat is-*Social Inquiry Report* redatt mill-Ufficjal tal-Probation Joseph Mizzi u ppreżentat fis-7 ta' Ottubru, 2020[6].

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-difiża jirrimettu ruħhom għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali.

**Ikkunsidrat:**

[2] A fol 50 tal-process
[3] A fol 55 tal-process
[4] A fol 61 tal-process
[5] A fol 77 tal-process
[6] A fol 89 tal-process

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti:

Fid-9 ta' Ottubru, 2018 daħal rapport fl-Għassa tar-Rabat Għawdex minn ċertu Gunther Kutz u Bennett Gunther. Kutz Gunther informa lill-pulizija li għal ħabta ta' 12:15 ibnu kien qiegħed fuq is-siġġu tal-massaġġi fil-kumpless Duke u waqgħlu it-telefon ċellulari. Dan stqarr ukoll li huwa u ibnu marru jistaqsu lil persuna li kien hemm tbiegħ il-biljetti u din infurmathom illi rat raġel għadu żgħir jaħrab hekk malli għadda minn ħdejn is-siġġu tal-massaġġi.

Għal ħabta ta' 13:00 il-pulizija tad-distrett ta' l-għassa Rabat Għawdex flimkien ma dawk ta' RIU bdew ronda fil-venda tal-karozzi tal-linja pero dan ma ħalla l-ebda riżultat. Kien għalhekk li mbagħad il-pulizija marru lura lejn l-istabbiliment Duke's u raw il-filmati tal-kameras tas-sigurta. Kien hemmhekk li ġiet ikkonfrontata d-deskrizzjoni li ta' Kutz Gunther mall-filmat. Aktar tard twaqqaf persuna li pero irriżulta li ma kellhiex x'taqsam ma l-akkadut.

Dak inhar stess għal ħabta ta' 15:55 mar l-għassa tar-Rabat Għawdex l-akkużat u staqsa ghas-surġent. Irriżulta li l-persuna li aktar kmieni kien twaqqaf mill-pulizija kien ħabib ta' l-akkużat u kien għalhekk li qal lill-akkużat li kienu qed ifittxuħ il-pulizija.

Il-Pulizija indunaw minn ħwejjġu li l-akkuzat kien l-istess persuna li deher fil-filmati tas-sigurta u għalhekk l-akkużat ġie infurmat bid-drittijiet tiegħu. L-akkużat iżda irrifjuta l-assistenza ta' avukat.

Il-Pulizija effettwaw tfittxija fuq il-persuna ta' l-akkużat kif ukoll fil-basket li kien qed iġorr u din it-tfittxija irriżultat fin-negattiv. L-akkużat imbagħad ammetta li kien hu li ġabar it-telefon ċellulari u ħa lill-pulizija fl-istess stabbiliment u wriehom fejn kien ħeba l-istess telefon.

Minn fuq il-persuna ta' l-akkużat ġew elevati tlett *smartphones*. Wara li ġie infurmat l-Ispettur Josef Gauci, l-akkużat inżamm fil-*lockup* tar-Rabat, Għawdex.

Aktar tard il-kwerelant kien infurmat bl-iżviluppi u dan informa lill-pulizija li l-valur tal-*mobile phone* kien jammonta għal €429.

Mill-filmat tal-kameras tas-sigurta jirriżulta li l-akkużat poġġa bilqiegħda fuq is-sufan tal-massaġġi u jidher ukoll jiġbor l-*mobile phone*.

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Josef Gauci[7] jirriżulta li huwa kellem lill-imputat u wara taħ is-solita twissija u infurmah bid-dritt li jikkonsulta ma l-Avukat ta' fiduċja tiegħu Dr. Deborah Mercieca, illum Camilleri huwa irrifjuta li jeżerċita d-dritt tiegħu. Jgħid li l-akkużat ta stqarrija kif ukoll għażel li jiffirma tali stqarrija.

L-Ispettur Gauci jgħid li mill-filmati tas-sigurta jidher l-akkużat ipoġġi fuq is-sufan tal-massaġġi u jiġbor xi ħaġa. Jidher ukoll jitfgħa l-*mobile* fil-but u jitlaq biħ. Jgħid li l-imputat stqarr li kellu l-intenzjoni ibiegħ il-*mobile*. Mistoqsi x'kien għamel bis-*sim card* l-imputat qallu li rmieha ġo tank taż-żibel u anke indika fl-liema tank irmieha. Jgħid li għalkemm is-*sim card* ma nstabitx il-*mobile* ġie ritornat lil sidu.

Minbarra f'hekk jgħid ukoll li huwa investiga wkoll id-droga li nstabet fuq l-akkużat. Jgħid li nstab total ta' 8.976 grammi sustanza suspettata *cannabis* kif ukoll tmien (8) pilloli *ecstasy* li kienu jiżnu 2.612 grammi.

Xehed ukoll PC 1428 Joseph Luke Gauci li spjega fost l-oħrajn li mill-filmat tas-sigurta irriżulta li kien hemm żewġ żagħżagħ, u wieħed minnhom poġġa fuq is-siġġu tal-massaġġi, ġabar xi ħaġa u telaq jiġri. Huwa identifika lill-akkużat fl-awla bħala wieħed miż-żagħżagħ.

PS 342 Johann Said[8] xehed illi huwa kien involut waqt l-użin tas-sustanzi li nstabu. Jgħid li kien hemm tmien (08) pilloli ta' l-għamla żrinġ bil-kulur blu li kienu jiżnu 2.612 grammi, kif ukoll 8.976 grammi biċċiet tal-*cannabis*.

Xehed ukoll PC534 Joseph Cini[9]. Huwa jgħid li huwa stazzjonat fil-*mobile squad* u wara li daħal ir-rapport bdew jagħmlu tfittxija. Jgħid li għal ħabta ta' 13:55 l-akkużat mar l-għassa tar-Rabat u huwa qad miegħu. L-akkużat qallu li kien ħeba il-*mobile*. Huwa niżel ma l-akkużat u dan ħadu

[7] Seduta ta' l-4 ta' Dicmebru, 2018, a fol 38 tal-process
[8] Seduta ta' l-4 ta Dicembru, 2018, a fol 46 tal-process
[9] Seduta tat-13 ta' Frar, 2019, a fol 56 tal-process

wara l-kumpless Duke's fejn kien għadu qed jinbena. Kien hemm spazju bejn il-bieb u l-art billi kienu għadhom ma qiegħdux il-madum. Wara li talab l-intervent ta' l-uffiċjal tas-sigurta tal-kumpless Anglu Farrugia, dan ta' l-aħħar fetaħ il-bieb u l-*mobile* instab wara dan il-bieb.

RPC3084 Joseph Aguis[10] xehed illi x'hin kien qed jirreġistra lill-akkużat fil-*lockup*, beda jagħmillu tfittxija fuq il-persuna u x'ħin wasal fil-qalziet ta' taħt l-akkużat infurmah li hemmhekk kellu d-droga. Kien l-akkużat inniffsu li għaddielu d-droga li kellu moħbija.

Fis-seduta tal-5 ta' Ġunju, 2019 xehed l-espert Spiżjar Godwin Sammut[11]. Huwa afferma li minn analiżi li għamel tal-pilloli blu, dawn irriżultaw pożittivi għal 3,4 methylenedioxymethamphetamine, li hija *ecstasy*. Jgħid li din is-sustanza hija kontrollata taħt Taqsima A, tat-Tielet Skeda tal-Kap.31.

Xehed ukoll il-Probation Officer Joseph Mizzi[12]. Huwa jgħid li l-akkużat trabba f'istitut u meta għalaq sittax-il sena beda jgħix għal rasu mingħajr għajnuna. Jgħid li jista jkun li t-teħid tal-kannabis huwa meżż ta' kif jaħrab ir-rejalta. Jgħid ukoll li skond ma qallu l-akkużat huwa ma għadux jieħu kannabis u qed jgħix bil-għaqal.

Joseph Mizzi reġgħa xehed ukoll fis-seduta tat-23 ta' Marzu, 2021. Huwa jgħid illi it-test ta' l-awrina meħuda mill-akkużat irriżutat pożittiva għal kannabis iżda mhux għal drogi oħra. Jgħid pero li ma jidhirx li hemm xi vizzju.

L-akkużat xehed fis-seduta tat-3 ta' Frar, 2022[13]. Huwa jiddiskrivi ħajtu u dak li għaddej minnu. Jammetti li għamel żball u li jrid jmexxi hajtu `l quddiem.

**Ikkunsidrat.**

**L-ewwel imputazzjoni**

---

[10] Seduta tat-13 ta' Frar, 2019, a fol 58 tal-process
[11] A fol 65 tal-process
[12] Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2020, a fol 86 tal-process
[13]

Il-Qorti rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu pero limitatament għal akkuża ta' serq u mhux kif aggravata bil-valur. Din il-Qorti fliet l-atti u jirriżulta mingħajr dubju, u dan mill-okkorrezza esebita a fol 33 li l-kwerelant innifsu informa lill-pulizija li l-*mobile* kien jiswa erba mija u disgħa u għoxrin ewro (€429). In vista ta' dan il-Qorti hija tal-fehma li l-akkużat għandu jinstab ħati ta' serq sempliċi u mhux aggravat bil-valur.

Illi, dwar il-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat li hija waħda nadifa u l-fatt li l-akkużat inniffsu mar l-Għassa minn rajħ u anke wera lill-Pulizija fejn kien ħeba l-*mobile*.

**It-Tieni (2) Imputazzjoni**

Rigward din l-imputazzjoni l-Qorti tosserva li każ bħal dan tal-lum *"...mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kinitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-Prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara Appell Kriminali: Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri [2.9.1999].)*

*Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-Gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-Gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi hard and fast rule x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assiem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-Gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-Gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki*

*jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli. (App. Krim. Il-Pulizija vs. Brian Caruana [23.5.2002])".*[14]

Irid jingħad ukoll illi *"...kull kaz irid ikun studjat ghalih, kif ukoll li ndizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti pero` trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzjoni. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma' uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat, imqar fuq bazi ta' probabbilta`, li jipprova li dak kien ghall-uzu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101"*[15]

Barra minn hekk ġie ukoll ritenut li *"Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha"*[16]

HIja l-fehma ta' din il-Qorti li l-eżami li jrid jsir hu li *"l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` l-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-Prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu eskluzziv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu eskluzziv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101"*[17]

---

[14] Il-Pulizija vs Marius Magri, Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 12 ta' Mejju, 2005

[15] Il-Pulizija vs Stephen Abela, Qorti ta l-Appell Kriminali, deciza fit-18 ta Awissu,2005

[16] Il-Pulizija vs Jason Mallia, Qorti ta' l-Appell, deciza fit-2 ta Settembru, 1999.

[17] Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi, Qorti tal-Magistrati (Gudikatura Kriminali) deciza fis-17 ta; Frar, 1997

Fuq l-iskorta ta l-insenjamenti ġia ċitati din il-Qorti tosserva li l-ammont ta' pilloli *ecstasy* li nstabu fuq l-akkużat kien tmienja (08). Apparti dan ma nstabux oġġetti oħra li normalment jkunu assoċjati ma traffikar ta' droga. Hija l-fehma meqjusa ta' din il-Qorti li l-ammont li nstab huwa ammont li wieħed faċilment jassoċjaħ ma l-użu esklussiv tal-pussessur, fil-kaz odjern l-akkużat, u dunque il-piż tal-prova li juri l-kontra jinkombi fuq il-prosekuzzjoni u għaldaqstant jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni l-oneru li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan għaliex kif jgħid il-Manzini fil-ktieb tiegħu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li, biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu pruvati oltre kull dubju raġjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni. Infatti l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli f'moħħ il-ġudikant ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu li, wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-każ tal-lum il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova li l-pilloli *ecstasy* li nstabu fuq il-persuna tal-imputat ma kienux għal użu esklussiv tiegħu u ghaldaqstant ma ssibx lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.

**It-Tielet (03) Imputazzjoni**

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll bil-pussess sempliċi ta' *cannabis*. Hawnhekk il-Qorti tosserva li l-akkuża saret fl-2018. Minn dak inhar sal-lum saru emendi fil-liġi li jirregolaw pussess għal użu esklussiv u għalhekk huwa imperattiv li jitħares il-prinċipju legali li joħroġ mill-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi li f'dawk il-każijiet li l-piena

stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi.

F'dan il-kuntest ingħad illi *"..ghalkemm l-att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta sehh, dan madanakollu ma baqax jigi hekk ikkunsidrat ftit xhur wara l-akkuza. Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem il-qorti ghalhekk hija tal-fehma illi fir-rigward tat-tieni akkuza ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti ghaldaqstant ser tghaddi biex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza u tirrevoka konsegwentement is-sejbien ta' htija li wasslet ghaliha l-Ewwel Qorti.*[18]

Dan il-ħsieb ġie anke sostnut fil-Qorti Ewropeja fil-kaz **Öcalan v. Turkey**[19] fejn ġie ritenut illi

*"The court notes that the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law, considered by the court in Scoppola (no. 2), as guaranteed by Article 7, is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant."*

In vista tal-gurisprudenza ċitata din il-Qorti tqis illi ma tistax issib lill-imputat ħati ta' din it-tielet imputazzjoni.

**Deċide.**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ta' l-imputat stess, issib lil Huan-Carlos Farrugia ħati ta' l-ewwel l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u mhux ħati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, fil-fehma tal-Qorti, jissusistu

[18] Il-Pulizija vs Martin Cassano, Qorti ta' l-Appell Kriminali, deciza fit-28 ta' Settembru, 2017
[19] Deciza fit-18 ta' Marzu, 2014

ċirkostanzi għall-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk il-Qorti tillibera lill-imputat Huan-Carlos bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat ieħor fi żmien tlitt (3) snin millum.

(ft) Dr.Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) Daniel Sacco
Dep./Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur